# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 5 ta' Lulju, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 7.55pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 7.00pm |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |

Udjenza : 0

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 22/23
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet
(4) Triq San Ġużepp
(5) Studenti Żjara Cassino
(6) Ilmenti
(7) Riżoluzzjonijiet
(8) Ħlas ta' Pagamenti

## 24 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill nru 22 u 23 ġew meħuda bħala moqrija billi intbagħtu minn qabel.

24 (1) 1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgħa nru 22.

24 (1) 2 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood issekondat mill-Walter Ahar Viċi Sindku il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill nru. 23

## 24 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

24.(2) 1 **Stima Road Markings MSD (2 ta' Ġunju 2006)**

F'laqgħa li saret apposta fil-Kunsill ma rappreżentant tal-Kopsan li kienu lesti jagħmlu dan ix-xogħol bl-istess rata li kienu ħaduh l-ewwel darba.

24.(2) **Teatru fl-Edukazzjoni (5 ta' Ġunju 2006)**

Saret laqgħa mad-diriġenti ta' din il-kumpanija biex jiġi ippjanat programm għat-tfal flok is-Summer Club (dan hemm ħsieb li jibda fid-19 ta' Lulju 2006).

24.(2) 3 **Los Fakires (9 ta' Ġunju 2006)**

Dan il-grupp minn Cuba tella programm ta' mużika fix-xatt kif kien ippjanat li jsir. Kienet serata tajba ħafna. Ħajr lill-Peter Scott li kien l-isponsor ewlieni ta' din l-attivita'.

24.(2). **Preżentazzjoni ta' kotba mill-Ambaxxata Amerikana (12 ta' Ġunju 2006)**

Dawn il-kotba ġew preżentati lis-Sindku Joseph Casha f'isem il-Kunsill fil-librerija tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru.

24 (2) 5 **Applikazzjoni għal fondi mill-EU għal Proġett Film for Peace (13 ta' Gunju 2006)**

Saret preżentazzjoni ta' dan il-proġett minn Dr. Nadia Theuma u Martin Caruana fejn ġie mfisser kif sejjer jaħdem dan il-proġett u kif il-Kunsill jista' japplika għal dan il-proġett flimkien ma tlett pajjiżi oħra. (kopja mehmuża)

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsillier Louis Henwood u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit.

Is-Sindku stqarr li jidher ċar li il-Kunsill mhu ser joħroġ xejn għal dan il-proġett filwaqt li il-Kunsill sejjer jingħata promozzjoni u sejjer jibbenefika mill-għotjiet li fih dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa.

24 (2) 6 **Kumpanija 'Paragon Europe' (13 ta' Ġunju 2006)**

Anton Theuma u Frans Debono rappreżentanti tal-Kumpanija Paragon Europe ippreżentaw abbozz ta' ftehim biex din il-kumpanija tidħol fi ftehim mal-Kunsill biex taħdem fuq proġetti u iġġib fondi mill-EU f'isem il-Kunsill. (Kopja ta' dan l-abbozz ta' ftehim mehmuża).

Wara li saru diversi mistoqsijiet u ġew iċċarati ħafna mill-punti mqajjma, kien jidher li hemm bażi ta' ftehim. Il-Kunsill qabel li wara li jsiru xi tibdiliet f'ċerti klawżoli tal-ftehim, il-Kunsill japprova din il-parti ta' programm.

24 (2) 7 **Xogħol mil-MSD** **(20 ta' Ġunju 2006)**

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mas-sur Andrew Lia bil-ħsieb li dan jagħmel xogħol ta' ħadid li hemm bżonn isir fil-lokal bħal ma huma fanali fi Triq iż-Żewġ Mini u ma l-uffiċju tal-Kunsill, slielem għax-xatt u tal-ponta. Għanda tintbagħat kwotazzjoni.

24 (2) 8 **Proġett Qualicities** **(22 ta' Ġunju 2006)**

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali ta' Bormla bejn is-Sindki u is-Segretarji Eżekuttivi rispettivament. Hemm punti li mhux qegħdin naqblu dwarhom fejn jidħol strateġija ta' kumitat tal-Qualicities. Sa nerġgħu niltaqgħu biex inkunu nistgħu ninfurmaw lill-AVEC.

24 (2) 9 **Grupp ta' Sbandieratori** **(25 ta' Ġunju 2006)**

Ġew fostna u għamlu programm fi Triq il-Vitorja grupp ta' sbandieratori minn Ruma. Wara saret ikla fir-restaurant tal-Marina. Il-Kunsill kif ġa approva se jisponsorja din l-attivita' flimkien mal-Kunsill ta' Bormla u il-Kunsill tal-Birgu. (Kopja ta' l-ispejjeż mehmuża)

24 (2) 10 **Kumpanija City & Sport Leisure** **(26 ta' Ġunju 2006)**

Saret laqgħa (Mark Spencer) biex jinkiseb tagħrif dwar apparat ta' l-isports, litter bins, u bankijiet li jistgħu isiru fil-lokal.

Ġie mistħarreġ kif il-ħsarat li hemm fil-Playing Area jistgħu jġu irranġati.

24 (2) 11 **Stallazjoni ta' Cameras fit-Toroq**

F'laqgħa li saret apposta, rappreżentant tal-Kumpanija Central Security Services Ltd. ġew diskussi diversi punti u servizzi li din il-kumpanija tista' tagħti f'dan ir-rigward (kopja mehmuża).

Ir-rata mitluba hija ta' bejn 15c u 25c kuljum għal kull camera. Għanda tintbagħat pjanta ta' l-Isla biex jsir stħarriġ fejn jistgħu jitwaħħlu dawn il-cameras u l-ammont ta' flus dovuti għal dan is-servizz.

24 (2) 12 **Koperazzjoni ma belt fir-Repubblika Ċeka**

Wara laqgħa li il-Konslu tar-Repubblika Ċeka, is-Sur Tonio Casapinta kellu mas-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit, fejn ġiet indikata il-belt ta' Karlovy Vary, saret korrispondenza bejn iż-żewġ naħat.

Jidher li l-awtorita' lokali ta' din il-belt huma interessati li jsir koperazzjoni ta' proġetti mal-belt ta' l-Isla.

Pero xtaqu li jistennew sa wara Novembru wara li tkun saret l-elezzjoni lokali f'din il-belt. (kopji ta' l-ittri mehmuża).

Il-Belt ta' Karlovy Vary fir-Repubblika Ċeka hija ġemellata wkoll mal-belt ta' Cassino.

24 (2) 13 **Żjara H.M.S. Illustrious**

Il-bieraħ ċempel Andrew Hamilton fejn infurmani li din iż-żjara ġiet mħassra u mhux ser issir.

Huwa qalli li possibilita' li ħa ssir reception fis-27 ta' Lulju fuq frejgata oħra u ser niġu mistiedna.

**Nota : Il-Kunsillier Reno Chircop daħal għal laqgħa tal-Kunsill fis-7.00pm**

24 (2) 14 **Ilmenti mir-Residenti**

Waqt li kont għal weekend break il-Ġimgħa nirċievi telefonata mill-għassa ta' Bormla dwar parking ta' karozzi quddiem garages fix-Xatt ta' l-Isla. Niżlu u bdew jagħtu ċitazzjonijiet. Kien hemm oġġezzjoni mis-sidien tal-karozzi li ħadu iċ-ċitazzjoni għax il-yellow lines ftit jidhru u talbuni biex jiġu iffriskati.

Barra dan qaluli ukoll li hemm diversi rapporti minn nies fosthom minn barra mil-lokal li bil-karozzi ipparkjati fuq il-bankina ma jkunux jistgħu jgħaddu.

Kellimt lil ispettur dwar dan u tlabtu biex issir laqgħa ma kull min hu involut fil-business. Għidtlu li ma rrid nissika lil ħadd fejn nimxi kif titlob il-liġi, imma naħseb li iċ-ċittadini għandhom dritt għal iżvog tagħhom.

Huwa qalli li se jibgħat għalihom u jitkellem magħhom.

24 (2) 15 **Ground tal-Football**

Jidher li saru xi sottomozzjonijiet lill-MEPA u qiegħed jitħejja rapport biex imur quddiem il-board. Naf żgur li sa ssir rakkomandazzjoni biex il-ground isir bit-turf artifiċjali mingħajr ma jitmiss il-ħajt jew iċ-ċint.

24 (2) 16 **Korrispondenza ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill u li ġiet irċevuta u mibgħuta bejn il-31 ta' Mejju 2006 u is-6 ta' Lulju 2006.**

04/1182/06/I <u>Parlament taż-żgħażagħ</u>

Talba lill-Kunsill biex jinnomina żgħażagħ mhux aktar tard mis-26 ta' Lulju 2006.

04/1184/06/I Allokazzjoni Finanzjarja 2006/2007

Wara talba li saret mill-Kunsill, id-Dipartiment għal Gvern Lokali ta' tifsira ta' kif tqassmet din l-allokazjoni għal dan il-Kunsill.

04/1185/06/I Memo 16/2006 - Ċertifikat mill-awtorita' tas-saħħa.

Il-Kunsill huwa obligat li jitlob dan iċ-ċertifikat lill-bejjiegħa tal-kiosks u hawkers qabel joħroġ permess għat-twaqqif ta' posti għal servizz ta' ikel u xorb.

04/1209/06/I Proġett Qualiticities

Biex il-Kunsill jagħmel kumitat għat-tmexxija tal-good practices. Tweġiba sa l-20 ta' Ġunju 2006

04/1219/06/I Biċċiet tal-baħar ħdejn il-Maċina.

L-Awtorita' tal-Baħar wieġbet lill-Kunsill li m'għandiex ġurisdizzjoni fuq l-art u li din hija kompetenza tal-gwardjani lokali jew il-pulizija.

04/1223/06/I Talba għal użu tas-Sala (8 ta' Lulju 2006)

Il-Kunsill approva din it-talba ta' Rachel Genovese.

04/1226/06/I Cottonera Project (Filming)

Il-Kumitat Konġunt tal-Kottonera sejjer jagħmel filming fuq l-Isla li sejjer jintuża fis-CD u website tal-Kottonera.

04/1234/06/I Linja ta' Gwida għal immaniġjar tat-Traffiku.

Il-Kunsill irċieva din il-gwida.

04/1257/06/I Użu tas-Sala (Birthday Party) 7 ta' Lulju 2006

Il-Kunsill approva it-talba tas-Sinjura Mariella Pisani għat-tifla tagħha.

04/1259/06/I Proġett 05/2489 Culture Tracks

Il-Kunsill irċieva konferma minn Brussels li il-ħlas dovut lill-Kunsill sejjer jintbagħat.

| | |
|---|---|
| 04/1271/06/I | Żjara ta' żgħażagħ Sengleani f'Cassino 8/17th July 2006 |
| | Il Comune di Cassino ikkonferma l-istedina tat-tlett uffiċjali mill-amministrazzjoni biex jakkumpanjaw lill-dawn iż-żgħażagħ. |
| 04/1278/06/I<br>04/1282/06/I<br>04/1284/06/I | Suġġerimenti mis-Sur Michael Parlato Trigona |
| | Il-Kunsill ħa nota tas-suġġerimenti li saru |
| 04/1284/06/I | Jum Dinji ta' l-ikel fl-Isla |
| | Is-Segretarju Parlamentari Dr. Frans Agius stieden lis-Sindku ta' l-Isla Joseph Casha biex ikun parti mill-kumitat li sejjer jorganizza f'isem il-Ministru u FAQ li sejjer isir f'Ottubru fl-Isla. |
| 04/1310/06/I | Tabelli għal prevenzjoni ta' periklu fix-Xatt. |
| | Il-Grand Harbour Marina approvaw biex issiru sitt tabelli fix-xatt għas-spejjeż tagħna. |
| 04/1314/06/I | Għaqda Regatta Nazzjonali (Regatta Tournament under 18) |
| | Talba għal donazzjoni ta' Lm50 għal dan it-tournament. Il-Kunsill approva din it-talba. Għanda titressaq riżoluzzjoni fil-Kunsill. |
| 04/1315/06/I | Boċċi Klabb - ħsarat |
| | Dr. Stefan Buontempo f'isem dan il-Klabb talab biex titneħħa il-ħamrija li qegħda toħloq ħsarat mal-bini tal-Klabb. |
| | Il-Kunsill qabel li tintbagħat lill-Stefan Buontempo kopja ta' l-ittra li nbatgħet lil dan il-klabb. |
| 04/1323/06/I | Programm taż-żjara f'Cassino (Żgħażagħ) |
| | Il Comune ikkonferma u bagħat dan il-programm. |
| 04/1332/06/I | Sindku ta' Baarn (L-Olanda) f'Malta. |
| | Dan sejjer ikun f'Malta għal holidays bejn it-8 u it-23 ta' Lulju 2006 |
| 04/1335/06/I | Allcare Insurance (23 ta' Ġunju 2006) |

Il-Kunsill ġie infurmat biex il-polza tas-Sigurta' li għandu il-Kunsill tiġi mġedda għax waslet biex tagħlaq.

04/1345/06/I Għaqda sajjieda u dilettanti Barklori Isla

Il-Kunsill approva it-talba tagħhom biex jużaw is-sala nhar it-23 ta' Lulju 2006 biex issir il-laqgħa ġenerali tagħhom. Il-Kunsill qed jikkunsidra iż-żewġ talbiet l-oħra biex issiru floodlights biswit il-Maċina u Senders fis-SlipWay.

Il-Kunsill qabel li jekk l-għaqda tixtri il-materjal u tkopri l-konsum tad-dawl, il-Kunsill lest li joffri in-nies biex jagħmlu ix-xogħol meħtieġ.

04/1349/06/I Kuntratti li ħareġ il-Kunsill 2005 (Memo 15/06)

Il-Kunsill sejjer iwieġeb din il-Memo.

04/1334/06/I VUCC
04/1355/06/I

Il-Kunsill ġie infurmat li kella ssir laqgħa dwar dan il-proġett nhar it-2 ta' Settembru 2006 fid-9.00am. Il-post jiġi indikat aktar tard. Il-Kunsill Lokali Valletta u Jose' Abela għandhom jinfurmawna dwar dan.

04/1356/06/I

Talba mill-Arċipriet Kan. Joe Grech ħalli isem din il-persuna tiġi mniżżla fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra. Saret talba wkoll biex isir restawr tal-Monument tal-Vittmi. Sa nitolbu quotation tax-xogħol li hemm bżonn.

04/1363/06/I EU project (Steering Group Meeting) 16 ta' Ġunju 2006

Il-Kunsill rċieva rapport tax-xogħol li sar f'din il-laqgħa li saret f'Hamm, il-Ġermanja.

____________ Talba biex isir filming ta' Programm (5 ta' Lulju 2006)

Marisa D'Amato talbet biex isir filming ta' programm 'Country Jamboree' fix-Xatt quddiem Marina Restaurant. Il-Kunsill kien tal-fehma li għanda tħallas.

____________ Med Urbs Ħlasijiet.

Il-Kunsill tal-Birgu informa lill-Kunsill ta' Bormla dwar il-flus dovuti lill-Kunsill Lokali tal-Birgu u ta' l-Isla.

____________ Malta Transport Authority

Il-Kunsill ġie nfurmat li hija responsabilita' tiegħu li fil-lokal jħalli sinjali tat-toroq u Road Markings li jidhru sewwa.

____________ Sezzjonijiet ta' qari fil-Librerija Pubblika tal-Kunsill matul is-sajf (11 ta' Lulju – 5 ta' Settembru 2006)

Is-Sinjura Graziella Cassar Gellel talbet li kull nhar ta' Tlieta u il-Ħamis jittella programm ta' sitt ġimgħat ta' grupp reading fuq talba tal-ġenituri.

Il-Kunsill approva din il-proposta u qabel li jippreżenta riżoluzzjoni biex japprova is-somma ta' mhux iktar minn Lm60 għal dan il-għan.

____________ Bdil ta' kotba duplikati fil-Librerija Pubblika Lokali.

Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment mressaq minn Graziella Cassar Gellel, il-librara tal-Kunsill.

## 24 (3) Mistoqsijiet

Nota: Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal laqgħa tal-Kunsill (7.55pm).

Mistoqsija nru. 2/2006 dwar Phone Cards imressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada ġiet mwieġba bil-miktub u moqrija mis-Sindku Joseph Casha fil-laqgħa tal-Kunsill. (kopja mehmuża)

24 (3) 1 Il-mistoqsijiet l-oħra mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada sejrin jiġu mwieġba hekk kif jiġi miġbur it-tagħrif kollu meħtieġ.

## 24 (4) Xogħol fi Triq iż-Żewġ Mini

Ix-xogħol ta' resurfacing u ta' asphaltar f'din it-Triq mixi ġmielu.

Is-Sindku Joseph Casha wera ix-xewqa li f'din it-triq tingħata dehra aħjar billi isiru xi fanali kif ukoll jitwaħħlu xi pjanti mal-ħajt.

## 24 (5) Studenti Żjara f'Cassino

Saret laqgħa għal istudenti li sa jmorru Cassino fejn ġie spjegat lilhom dak li jixtieq il-Kunsill b'mod speċjali fejn tidħol l-attitudni tagħhom waqt iż-żjara f'Cassino.

Is-Sindku Joseph Casha qara il-lista ta' dawk iż-żgħażagħ li sejrin Cassino.

Is-Sussidju għal biljetti ta' l-ajru għaż-żgħażagħ li telgħin Cassino huwa ta' Lm240 (Riż. 2/2006)

24 (5) 1 Huwa ikalkulat li il-Kunsill sejjer joħroġ medja ta' Lm700 biex jagħmel tajjeb għal spejjeż għall-uffiċjali tal-Kunsill. Minn naħa tal-Kunsill sejjer ikun hemm is-Sindku Joseph Casha, il-Kunsillier Charmaine Gerada, is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit u Matthew Vella (Clerical Services).

## 24 (6) Ilmenti

## 24 (7) Riżoluzzjonijiet

Il-Viċi Sindku Walter Ahar , issekondat mis-Sindku Joseph Casha ressaq riżoluzzjoni Nru 2/2006 (kopja mehmuża). biex isir fustun fix-Xatt, uniformijiet ta' l-istaff, proġett drama fl-edukazzjoni fis-Sajf, wirja ta' sbandieratori, żjara H.M.S. Illustrious. Dawn kollha ġew approvati mill-Kumitat tal-Finanzi (Kopja mehmuża)

Il-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni nem com.

## 24 (8) Ħlas ta' Pagamenti

Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood ippropona biex il-Kunsill japprova il-ħlas ta' pagamenti (kopja mehmuża) li jammonta għal Lm9,237.39 + Lm3,660.66 = Lm12,898.05

Dawn il-pagamenti ġew approvati.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fit-8.49pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv